MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Numru. 1115/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Paul Mangion**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Mangion detentur tal-karta tal-identita` numru 599477(M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, fis-26 ta’ Mejju 2012, u fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li

mhux delitt taht l-Att dwar l-Istampa, u cioe` falsifikazzjoni ta’ flejjes ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Kif ukoll talli b’hekk sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 23 ta’ Frar 2010, u sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta’ Gunju 2011, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrih u mhux dik tar-recediv, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn l-ufficjal prosekutur spjega illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tant li bis-sahha tieghu inqabdu u ttellghu l-Qorti l-awturi ta’ tali delitti;

Semghet illi l-imputat huwa recediv biss taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan biss b’reat dwar it-traffiku.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49 u 48 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Paul Mangion hati tal-ewwek akkuza kif dedotta kontrih biss u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum, filwaqt illi tilliberah mill-addebitu tar-recediv stante li ma gietx ippruvata.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------